



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Fajl Interistituzzjonal:

**2023/0296 (NLE)**

Brussell, 9 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

12362/1/23  
REV 1

LIMITE

POLCOM 185  
WTO 125  
AGRI 459  
UD 166  
UK 159

## ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn I-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Ēgittu, skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u L-Kummerċ (GATT) tal-1994, relatat mal-modifika ta' konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea



FTEHIM  
FIL-FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI  
BEJN L-UNJONI EWROPEA  
U R-REPUBBLIKA GĦARBIJA TAL-EĠITTU,  
SKONT L-ARTIKOLU XXVIII  
TAL-FTEHIM ĠENERALI DWAR IT-TARIFFI U L-KUMMERĊ (GATT) TAL-1994,  
RELATAT MAL-MODIFIKA TA' KONĊESSJONIJIET  
FUQ IL-KWOTI TARIFFARJI KOLLHA INKLUŻI FL-ISKEDA CLXXV  
TAL-UE BĦALA KONSEGWENZA TAL-ĦRUġ TAR-RENJU UNIT  
MILL-UNJONI EWROPEA

## A. Ittra mill-Unjoni Ewropea

Sinjur/Sinjura,

Bi pjaċir nirreferi għan-negozjati li saru f'konformità mal-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatati mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-Unjoni Ewropea b'konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO fid-dokument G/SECRET/42/Add.2.

Bil-konklużjoni tan-negozjati, ir-Repubblika Għarbija tal-Ēgħittu u l-Unjoni Ewropea ftehma dwar dan li ġej:

Mingħajr preġudizzju għan-negozjati futuri skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 u biss għall-finijiet tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, l-Ēgħittu jaqbel mal-prinċipju u l-metodoloġija ta' tqassim tal-impenji kwantitattivi skedati fil-forma tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni Ewropea li kienu jinkludu r-Renju Unit, fejn hemm kwantità mqassma meħħuda mill-Unjoni Ewropea li ma għadhiex tinkludi r-Renju Unit, filwaqt li l-kumplament tal-kwantità jittieħed mir-Renju Unit.

Fir-rigward tal-kwota tariffarja 048 (ħjar, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Novembru sal-15 ta' Mejju) fid-Dokument G/SECRET/42/Add.2, l-Ēgħittu u l-Unjoni Ewropea jaqblu mal-bidla li ġejja fl-impenn skedat: il-volum tal-Unjoni Ewropea ta' din il-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 647 tunnellata.

Fir-rigward tal-kwota tariffarja 048, l-Unjoni Ewropea se tirrikonoxxi d-dritt ta' negozjar inizjali tal-Ēgħittu.

L-Unjoni Ewropea u l-Eġittu jirrikonoxxu li l-Unjoni Ewropea qed tkompli twettaq negozjati u konsultazzjonijiet ma' Membri oħra tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozjar jew ta' konsultazzjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO. Bħala riżultat ta' dawk in-negozjati u l-konsultazzjonijiet, l-Unjoni Ewropea tista' tqis bidla tal-volum stabbilit hawn fuq għall-kwota tariffarja 048. Fil-każ ta' tali bidla, l-Unjoni Ewropea għandha tikkonsulta lill-Eġittu bil-ħsieb li tikseb eżitu reċiprokament sodisfaċenti qabel ma tipproċedi għal kwalunkwe bidla, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kull Parti skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994.

L-Unjoni Ewropea u l-Eġittu għandhom jinnotifikaw lil xulxin meta jitlestew il-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħi ta' dan il-Ftehim. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħi fid-data tal-aħħar notifika.

Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bl-Iżvediż, b'kull test awtentiku ugwalment.

Inkun nafullek jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan t'hawn fuq.

Bi pjaċir niproponi li jekk dan ta' hawn fuq hu aċċettabbli għall-Gvern tiegħek, din l-ittra u l-konferma tiegħek flimkien jikkostitwixxu Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Eġittu, inkluż għall-finijiet tal-Artikolu XXVIII:3(a) tal-Ftehim GATT tal-1994.

Dejjem tiegħek,

*F'isem l-Unjoni Ewropea*

B. Ittra mir-Repubblika Għarbija tal-Ēġittu

Sinjur/Sinjura,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tal-lum, li tgħid hekk:

“Bi pjaċir nirreferi għan-negożjati li saru f’konformità mal-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatati mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-Unjoni Ewropea b’konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO fid-dokument G/SECRET/42/Add.2.

Bil-konklużjoni tan-negożjati, ir-Repubblika Għarbija tal-Ēġittu u l-Unjoni Ewropea ftehma dwar dan li ġej:

Mingħajr preġudizzju għan-negożjati futuri skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 u biss għall-finijiet tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, l-Ēġittu jaqbel mal-prinċipju u l-metodoloġija ta’ tqassim tal-impenji kwantitattivi skedati fil-forma tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni Ewropea li kienu jinkludu r-Renju Unit, fejn hemm kwantità mqassma meħuda mill-Unjoni Ewropea li ma għadhiex tinkludi r-Renju Unit, filwaqt li l-kumplament tal-kwantità jittieħed mir-Renju Unit.

Fir-rigward tal-kwota tariffarja 048 (ħjar, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta’ Novembru sal-15 ta’ Mejju) fid-Dokument G/SECRET/42/Add.2, l-Ēġittu u l-Unjoni Ewropea jaqblu mal-bidla li ġejja fl-impenn skedat: il-volum tal-Unjoni Ewropea ta’ din il-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 647 tunnellata.

Fir-rigward tal-kwota tariffarja 048, l-Unjoni Ewropea se tirrikonoxxi d-dritt ta’ negozjar inizjali tal-Ēġittu.

L-Unjoni Ewropea u l-Eġittu jirrikonoxxu li l-Unjoni Ewropea qed tkompli twettaq negozjati u konsultazzjonijiet ma' Membri oħra tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozjar jew ta' konsultazzjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO. Bħala riżultat ta' dawk in-negozjati u l-konsultazzjonijiet, l-Unjoni Ewropea tista' tqis bidla tal-volum stabbilit hawn fuq għall-kwota tariffarja 048. Fil-każ ta' tali bidla, l-Unjoni Ewropea għandha tikkonsulta lill-Eġittu bil-ħsieb li tikseb eżitu reċiprokament sodisfaċenti qabel ma tipproċedi għal kwalunkwe bidla, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kull Parti skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994.

L-Unjoni Ewropea u l-Eġittu għandhom jinnotifikaw lil xulxin meta jtitlestew il-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar notifika.

Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bl-Iżvediż, b'kull test awtentiku ugwalment.

Inkun nafuluk jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan t'hawn fuq.

Bi pjaċir niproponi li jekk dan ta' hawn fuq hu aċċettabbli għall-Gvern tiegħek, din l-ittra u l-konferma tiegħek flimkien jikkostitwixxu Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Eġittu, inkluż għall-finijiet tal-Artikolu XXVIII:3(a) tal-Ftehim GATT tal-1994.”

B'dan għandi l-unur nesprimi l-qbil tal-Gvern tiegħi mal-ittra t'hawn fuq.

*F'isem ir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu*